# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**6/19**

**Minuti tas-sitt (6) Laqgħa b'Urġenza tad-dsatax il-sena tas-seba' (7) Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju, 2013, fis-7.00 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Is-Sur Stephen Sultana** | **-** | **Sindku** |
| | **Is-Sur Jonathan Brimmer** | **-** | **Viċi Sindku (wasal fis-19.21 ta' filgħaxija)** |
| | **Is-Sur Silvio Vella** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Jason Mangani** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sinj Elizabeth Vella** | **-** | **Kunsilliera** |
| | **Is-Sur Horace J Anastasi** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Darren Carabott** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sinj Louise-Anne Gusman** | **-** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Aġenda:

1 Misraħ Santa Venera – żviluppi

Il-laqgħa bdiet fis-19.07 ta' filgħaxija.

**1 Misraħ Santa Venera – żviluppi:**

1.1 Is-Sindku, s-Sur Stephen Sultana informa lill-Kunsillieri preżenti dwar żviluppi li seħħew rigward Misraħ Santa Venera. Huwa semma li l-Kunsill irid jiddeċiedi fuq il-kulur tal-madum li se jintuża. Huwa pprezenta kampjuni tal-madum. Semma wkoll il-kwistjoni taż-żuntier tal-

Knisja ~~li mhux se jiżdied imma li jsir l-eżistenti~~ u rrimarka li se jibqa' l-istess daqs. Huwa qal li l-Perit Anthony Bezzina ġibed l-attenzjoni li hemm dislivelli bejn il-Knisja u d-dar privata (tas-Sur Buttigieg) fit-Triq (fejn il-parking slots) b'konsegwenza li se jkun hemm problema bl-ilma tax-xita. Is-Sindku qal li huwa xtaq li ikun hemm il-Perit għal din il-laqgħa imma l-Perit ma setgħax jattendi. Huwa żied jgħid li jekk għandhom xi mistoqsijiet, jistgħu jgħadduhom lis-Sindku u huwa jgħaddihom lil Perit.

1.2 Is-Sur Sultana spjega li mill-Knisja għall-*parking slots* hemm dislivel ta' 8 pulzieri u huwa talab għal-pjanta ta' Misraħ Santa Venera. Saret diskussjoni fuq id-dislivel u x'inhu l-aħjar li jsir.

1.3 Is-Sur Horace J Anastasi talab lis-Sindku biex jieħdu l-opinjoni tal-Perit. Huwa żied jgħid li l-Kunsill għandhu jieħu azzjoni ta' kif ma kienx avżat fuq dan id-dislivel minn qabel. Peress li laħaq inħareg it-Tender u ħadd ma avża il-Kunsill. Is-Sur Sultana qal li l'Assistant tal-Perit infurmah b'dan u huwa ressaqha Kunsill. Id-diskussjoni tkompliet fuq kif jista' jitranġa dan id-dislivel u li huwa importanti li l-Perit jagħti parir tekniku.

1.4 Is-Sindku issuġġerixxa li fejn ser isir il-madum isir disinn bil-madum stess fejn hemm il-bankina kif ukoll fil-*parking slots* u mill-kalkoli ~~tiegħu~~ li kien ikkomunika miegħu l-Perit d-differenza tal-madum hija ta' €3 kull metru kwadru jekk jużaw it-*terracotta bricks*. Żied jgħid li it-*Tender* intrebaħ b'€127,001.30 u mill-UIF għandhom €140,000. Is-Sur Anastasi semma li minflok jonfqu l-fondi fid-disinn, jagħmlu l-funtana peress li l-bażi biss hija inkluża fit-*tender*. Saret diskussjoni fuq il-fontana u li meta saret il-laqgħa tal-koordinament, kemm is-Sur Anastasi kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv kienu nfurmaw il-kuntrattur biex jieħu ħsieb li jgħaddi s-servizzi tad-dawl kemm għaz-zuntier, kif ukoll għal funtana u għall-istatwa li ser jkun hemm fil-pjazza. Is-Sindku qal li dan huwa proġett ta' darba u semma l-*contingency* u li jistgħu jużaw dan il-flus biex iħallsu l-ispejjes *extra* tad-disinn tal-madum. Is-Sindku qal li l-iskop ta' din il-laqgħa huwa li jiddeċiedu jekk ħa mmorux għall-madum li ser jqum €3 kull metru kwardu iżjed mill-previst. Ġie issuġġerit li huwa importanti li l-Kunsill ikun jaf kemm ser tiġi din l-ispiża qabel ma jiddeċiedi.

1.5 Saret diskussjoni fuq it-tappieri u s-Sindku informa lill-Kunsillieri li t-tappieri ġew immarkati s-Sibt ta' qabel il-laqgħa mill-Għaqda Festi Esterni.

*1.6* Is-Sur Anastasi staqsa lis-Sur Sultana jekk kellux l-approvazzjoni tad-Dipartiment fuq din il-varjazzjoni peress lis-Sindku kien ser iżid 3 *parking slots* fil-Misraħ Santa Venera, kif ukoll kien se jagħmel *parking bays* ġodda minflok il-*loading/unloading bay* fejn ta' *F Busuttil and Sons Ltd.*

1.7 Is-Sur Sultana qal li kieku ma kellux l-*go ahead*, kieku ma kienx se jagħmel xi ħaġa kontra l-liġi. Żied jgħid li jekk ikun hemm il-permessi neċessarji tal-MEPA u tat-TM ħa jibqa' għaddej.

1.8 Is-Sur Carabott staqsa għall-istima ta' dan ix-xogħol biex jaraw jekk hijiex vijabbli li ssir din il-bankina.

1.9 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li fit-*Tender* eżistenti, iż-żuntier għandhu mniżżel biss it-tpoġġija tal-madum u mhux il-madum. Is-Sindku poġġa fuq il-mejda 2 kampjuni tal-madum biex il-Kunsill jagħzel wieħed. Il-Kunsill għażel il-madum Syrian li ser jiġi jiswa madwar €8000. Il-Kunsillieri ġew ippreżentati bid-dokument tat-*Tender* tal-*Embelishment Works Misrah Santa Venera* u bil-kampjuni tat-*Tender* ta' Schembri Barbros u saret diskussjoni fuq il-kampjuni tal-ġebla u madum li ser jintużaw f'dan il-proġett.

1.10 Is-Sindku kkwota ittre bid-data 8 ta' Mejju 2013 li intbgħatet mid-Dipartiment dwar il-varjazzjoni : 'Where the Local Council requires an omission, decrease or increase in the Service which however in **any one twelve month period exceeds 2.5% but not 10% of the Contract Sum**, then the variation shall be **instructed in writing by the Local Council**. **Any additions to or reductions in payments to** be made to the Contractor **shall be based upon the rates set out in the Bill of Quantities**.

1.11 Is-Sur Sultana żied jgħid li huma se jimxu skont il-*variation* u skont l-istruzzjonijiet tad-Dipartiment u l-ammont ta' €8000 mill €127000 jiġi madwar 6.6%.

1.12 Issemmew ukoll il-*flood lights* li hemm preżenti f'Misraħ Santa Venera biex jinbiddlu u l-Kunsill approva li minflokhom isiru 4 *uplighters*. Kien hemm qbiel sabiex jinġiebu kwotazzjonijiet separati f'dan ir-rigward.

1.13 Saret diskussjoni fuq il-funtana u fuq il-ballavostri li hemm fuq iz-zuntier.

1.14 Is-Sur Sultana ikkonkluda billi ~~a~~ ellenka dawn il-punti importanti li se jgħaddihom lill-Perit biex jagħti spjegazzjoni lill-Kunsill waqt il-Laqgħa tal-Kunsill ~~nhar it-Tnejn 10 ta' Ġunju~~ li kien jmiss:

1.14.1 Id-Dislivelli fil-pjazza, x'ħa isir eżatt

1.14.2 Kemm se tiswa l-*area* tan-nofs jekk issir bid-disinn bil-madum tat-*terracotta*

1.14.3 Stima kieku kellha ssir il-funtana

1.14.4 Erbgħa (4) *uplighters* u x-xogħol fuq iz-zuntier

1.14.5 Il-ballavostri jekk ser jitneħħew u jekk ser jkun hemm xi forma tal-ilquħ minflokhom

1.15 Il-laqgħa spiċċat fid-20.25 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Louise-Anne Gusman | Stephen Sultana |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Ikkonfermati llum, 10 ta' Ġunju 2013